jiġifieri dak li jagħmel il-karattru tiegħu — milli hu dak li jiekol, jixrob u jaħdem, jiġifieri dak li jagħmel il-ħajja materjali tiegħu.

Issa billi kull ġens jieħu x-xejra tal-ħsieb u t-tqanqila tal-qalb, aktarx mis-sura, mid-daqs, u mill-klima tal-pajjiż li fih igħammar, jidher ċar illi l-kelma, jew aħjar il-lsien, jieħu wkoll dik is-sura, dik il-għamla li toqgħod tajjeb lil pajjiż u ma toqgħodx tajjeb lil pajjiż ieħor.

Għalhekk il-lsien isir il-*għelma* tan-nazzjon u kull nazzjon issir għajjura għal-lsien tagħha, u tħossha barra minnha nfisha kull meta jeħtiġilha tfisser ħsebijietha bil-kelma ta' ħaddieħor.

Il-lsien u n-nazzjonalità ma jinfirdu qatt: ikun fejn ikun il-bniedem jingħaraf minn ilsienu. Wieħed Malti, ikun fl-Affrika, ikun fl-Asja, ikun fl-Amerka, jagħraf malajr lill-pajżan tiegħu malli jisimgħu jitkellem bil-malti.

Għaldaqshekk, dawk il-Maltin li jkasbru l-lsien malti bħala ħaġa ta' ebda siwi, u għax ma jafuhx, jew aħjar, għax qatt ma fettxew li jkunu jafu l-Malti, jitkellmu bi lsien ieħor, dawn huma tas-sew "barranin f'pajjiżhom."

# HEROS

## (FIL-GWERRA TA' ŻMIENNA)

F'sodda ċkejkna bla tebgħa kienet rieqda
tarbija ta' tliet snin, u x'naf ġe' moħħha
kinetx tinħadem kollha dawl u fjuri
ħolma bil-pupa!?

Il-lejl kien daħal, u fuq dik it-tfajla
ħaddejha żewġ wardiet, niżlet għajjura
l-aħħar daqqa ta' għajn ta' l-omm, żagħżugħa
ta' għoxrin sena.

Għajjien mill-ħidma ta' bin-nar li biha
kien ġieb l-għajxien lill-mara u lit-tarbija,
bla ħsieb ta' dnewwa kien iserraħ ġismu
raġel qalbieni;

meta mill-ajru mingħajr dawl ta' kwiekeb
niżlet il-bomba qerridija u mietu
bla nifs ġe' sħaba kollha semm u dwejjaq
tlieta bla ħtija.

L-għada bid-daħka fuq xofftejh, għax rebaħ,
min moħbi, tafa' l-mewt fl-azzar magħluqa,
minn idejn is-Sultan kellu fuq sidru
tal-ġieħ il-GĦELMA.

DUN KARM.